

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' April 2018 – European Anglers Alliance vs Il-Kunsill****(Kawża T-252/18)**

(2018/C 240/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: European Anglers Alliance (Offenbach am Main, il-Ġermanja) (rappreżentant: L.-B. Buchman, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tirrikonoxxi l-interess ġuridiku ta' European Anglers Alliance;
- tannulla d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(4) u (5) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jiastabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbi fl-il-mijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, fċerti il-mijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠU 2018, L 27, p. 1), peress li:
  - dawn joħolqu bejn ċittadini tal-Unjoni Ewropea diskriminazzjoni mhux iġġustifikata fid-dawl tal-għan imfittekk minn dawn id-dispożizzjonijiet u jiksru l-prinċipju ta' ugwaljanza;
  - l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea qabeż il-marġni diskrezzjonali tiegħu meta ma straħ fuq l-ebda data oġġettiva fuq il-qbid permezz tas-sajd rekreattiv fil-baħar mill-istokk tal-ispnott;
  - dawn jiksru l-prinċipju ta' proporzjonalità u ma josservawx l-Artikolu 17 tal-Politika komuni tas-sajd sa fejn il-piż ekonomiku u soċjoloġiku tas-sajd rekreattiv fil-baħar manifestament ma ttiħidx inkunsiderazzjoni.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, sa fejn id-dispożizzjonijiet ikkontestati tar-Regolament (UE) 2018/120 joħolqu diskriminazzjoni mhux iġġustifikata bejn ċittadini Ewropej fid-dawl tal-għan imfittekk, kif ukoll bejn is-sajjieda rekreattivi u s-sajd industrijali.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill qabeż il-marġni diskrezzjonali tiegħu.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' April 2018 – VY vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-253/18)**

(2018/C 240/56)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: VY (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralijogħi:

tiddikjara u tiddeċiedi li,

- id-deċiżjoni li taħtar lil [kunfidenzjali]<sup>(1)</sup> fil-pożizzjoni ta' kap ta' diviżjoni tad-Diviżjoni [kunfidenzjali] lid-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Gappu u dik li tiċħad il-kandidatura tar-riorrent jiġu annullati;
- il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors tiegħu, ir-riorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-avviż ta' pożizzjoni vakanti.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll tal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal.

---

<sup>(1)</sup> Informazzjoni kunfidenzjali redatta.

## Rikors ippreżentat fil-25 ta' April 2018 – Makhlof vs Il-Kummissjoni u BĊE

(Kawża T-260/18)

(2018/C 240/57)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrent: Rami Makhlof (Damasku, is-Sirja) (rappreżentant: E. Ruchat, avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew

## Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralijogħi:

- tiddikjara l-azzjoni tar-riorrent ammissibbli u fondata;
- konsegwentement, tikkundanna lill-Unjoni Ewropea, il-konvenuti, sabiex jikkumpensaw ir-riorrent id-dannu kollu subit, għal ammont ta' EUR 6 900 000 miżjud bl-interessi;
- tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-istanza.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors, ir-riorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 17(1) TUE u tal-Artikolu 13(3) u (4) tat-Trattat MES sa fejn hija ma żgurax il-kompatibbiltà tal-memorandum ta' qbil tas-26 ta' April 2013 mad-dritt tal-Unjoni.